A.L. 195 ta' l-1995

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Ordni ta' Eżenzjoni ta' l-1995 dwar Taxxa fuq Qliegħ Kapitali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi ordna li d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* ma għandhomx ikunu jgħoddu għal qliegħ jew profitt li għandu x'jaqsam mat-trasferiment ta' proprjetà jew użufrutt ta' kull proprjetà immobbli jew mill-assenjament jew ċessjoni ta' kull jedd fuq dik il-proprjetà, li min jittrasferixxi seta' akkwista bi trasferiment *causa mortis* u meta dak it-trasferiment isir fl-1 ta' Jannar, 1996 jew wara dik id-data.